

Access aħjar

għall-Protezzjoni Soċjali

għall-ħaddiema kollha u għall-ħaddiema li jaħdmu għal rashom

**Id-dinja tax-xogħol
qed tinbidel.**



40 %

tal-persuni impjegati

huma jew **ħaddiema mhux standard** (li ma jaħdmux b'kuntratt full-time, indefinit) jew **ħaddiema li jaħdmu għal rashom**.

Il-ħaddiem medju Ewropew se jkollu



10

impjegati differenti

matul il-karriera tiegħu
u qed

jiżiedu

forom ġodda ta' xogħol.

**Is-sistemi tas-sigurtà soċjali
jeħtieġ li jiġu adattati.**

Is-sistemi tas-sigurtà soċjali spiss **ma jkunux imfassla apposta** għal dawk li jaħdmu għal rashom u għall-ħaddiema mhux standard, filwaqt li ma jagħtuhomx biżżejjed protezzjoni:

Mhux il-ħaddiema kollha għandhom id-dritt li jikkontribwixxu u jieħdu sehem fl-iskemi kollha tal-protezzjoni soċjali.



**Ostakoli fir-rigward
tal-aċċess għall-benefiċċji**



L-ebda aċċess għall-iskemi tal-pensjoni għal xi ħaddiema mhux standard fi

13-il pajjiż tal-UE



L-ebda kopertura f'każ ta' aċċident fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema li jaħdmu għal rashom

f'10 pajjiżi tal-UE



Perjodu ta' xogħol minimu għall-ħaddiema li jaħdmu għal rashom

f'9 pajjiżi tal-UE

Linji gwida ġodda tal-UE jfittxu li jtejbu s-sitwazzjoni

L-estensjoni tal-kopertura għall-persuni kollha impjegati u għal dawk kollha li jaħdmu għal rashom għal:



Benefiċċji tal-qgħad



Benefiċċji tal-invalidità



Benefiċċji tal-mard u tal-kura tas-saħħa



Benefiċċji għax-xjuħija



Benefiċċji tal-maternità u tal-paternità



Benefiċċji f'każ ta' aċċidenti fuq il-post tax-xogħol u mard okkupazzjonali



It-tneħħija tal-ostakoli

fir-rigward tal-aċċess għall-benefiċċji

L-għoti ta' għajjnuna biex jiġu ppreservati, akkumulati u/jew ittrasferiti l-intitolamenti



Il-provvista ta' livell xieraq ta' protezzjoni

L-għoti ta' informazzjoni trasparenti dwar intitolamenti u obbligi individwali



Il-pajjiżi tal-UE qed jieħdu passi

Xi wħud minnhom diġà bdew jestendu l-kopertura, bħal:



Is-Slovenja: il-forom kollha tax-xogħol issa huma inkluzi fis-sistemi tas-sigurtà soċjali

Id-Danimarka: Il-ħaddiema mhux standard u dawk li jaħdmu għal rashom ġew integrati fl-iskema ġenerali tal-assigurazzjoni tal-qgħad



Aktar informazzjoni

Aqra r-rakkomandazzjoni tal-UE dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali:

<https://europa.eu/!Ug83nM>

Eżempji tal-aħjar Prattiki fil-pajjiżi tal-UE:

<https://europa.eu/!cm93dC>



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

ISBN 978-92-76-08912-4 doi:10.2767/3278 KE-02-19-529-MT-N
Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2019
© L-Unjoni Ewropea, 2019

L-użu mill-ġdid huwa awtorizzat kemm-il darba jissewma s-sors oriġinali.
Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija rregolata bid-Deċiżjoni 2011/833/UE (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39).
Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li mhuwiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-UE, għandu jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet.
L-Istampi © Shutterstock